



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

25 ta' Marzu 2015\*

“Għajnuna mill-Istat — Saħħa pubblika — Għajnuna mogħtija għall-finanzjament ta' testijiet għall-iscreening tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (EST) fl-annimali tal-ifrat — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna parzjalment kompatibbli u parzjalment inkompatibbli mas-suq intern — Rikors għal annullament — Att li jikkawża preġudizzju — Ammissibbiltà — Kunċett ta' vantaġġ — Kunċett ta' selettività”

Fil-Kawża T-538/11,

**Ir-Renju tal-Belġju**, irrappreżentat minn C. Pochet u J.-C. Halleux, bħala aġenti, assistiti minn L. Van den Hende, avukat,

rikorrent,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata inizjalment minn H. van Vliet u S. Thomas, sussegwentement minn H. van Vliet u S. Noë, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 5457 finali, tas-27 ta' Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-iskrining [screening] għall-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (EST) fil-bovini [annimali tal-ifrat] implimentata mill-Belġju [Għajnuna mill-Istat C 44/08 (ex NN 45/04)] (ĠU L 274, p. 36),

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn H. Kanninen, President, I. Pelikánová u E. Buttigieg (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: J. Plingers, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Settembru 2014,

tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

## Sentenza

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Ir-Regolament Nru 999/2001*

- 1 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001, tat-22 ta' Mejju 2001, li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered [trażmissibbli] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 32, p. 289), ġie adottat abbażi tal-Artikolu 152(4)(b) KE. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 2 tiegħu, dan ir-regolament għandu bħala għan l-adozzjoni ta' regoli speċifiċi għall-prevenzjoni, għall-kontroll u għall-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (EST), fosthom l-enċefalopatija sponġiformi bovina (ESB), fid-dawl tal-gravità tar-riskju li huma jippreżentaw għas-saħħa tal-annimali.
- 2 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 999/2001, intitolat "Sistema ta' sorveljanza", jipprevedi li:  
  
"Kull Stat Membru għandu jwettaq programm annwali għas-sorveljanza ta' ESB u *scrapie* skond l-Anness III, Kapitolu A. Dak il-programm għandu jinkludi kull proċedura ta' screening bl-użu ta' testijiet rapidi [mgħaġġla]."
- 3 Fil-verżjoni oriġinali tar-Regolament Nru 999/2001, il-Parti I tal-Kapitolu A tal-Anness III tiegħu kien jistabblixxi r-rekwiżiti minimi għal kull programm ta' sorveljanza tal-ESB f'annimali tal-ifrat. Huwa kien jipprovdi, b'mod partikolari, l-għażla ta' ċerti sottopopolazzjonijiet ta' annimali tal-ifrat ta' iktar minn 30 xahar, inkluż fosthom dawk sottoposti għal qatla normali għall-konsum mill-bniedem, għall-finijiet ta' dan il-program.
- 4 Barra minn hekk, fil-verżjoni oriġinali tar-Regolament Nru 999/2001, il-Parti IV tal-Kapitolu A tal-Anness III tiegħu kien jipprevedi li:  
  
"L-Istati Membri għandhom jaċċertaw illi l-ebda parti tal-ġisem ta' annimali meħuda bħala kampjun skond dan l-Anness ma jintuża[x] għall-ikel tal-bnedmin, ġwież ta' l-annimali u fertilizzanti, sakemm tiġi konkluża l-eżaminazzjoni laboratorja b'riżultati negativi."
- 5 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1248/2001, tat-22 ta' Ġunju 2001, li jemenda l-Annessi III, X u XI tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 32, p. 450), estenda, mill-1 ta' Lulju 2001, l-obbligu ta' screening tal-ESB permezz ta' testijiet mgħaġġla għall-annimali kollha tal-ifrat ta' iktar minn 24 xahar li jkunu nqatlu b'urġenza.
- 6 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1494/2002, tal-21 ta' Awwissu 2002, li jemenda l-Annessi III, VII u XI għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 36, p. 550), estenda dan l-istess obbligu għall-annimali tal-ifrat ta' iktar minn 24 xahar li jkunu mietu jew inqatlu għal finijiet oħra għajr, b'mod partikolari, il-konsum mill-bniedem.

#### *Il-linji gwida EST*

- 7 Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej adottat, fl-2002, il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajjnuna mill-Istat marbuta mat-testijiet EST, mal-annimali li jinstabu mejta u mal-iskart tal-biċċeriji (ĠU C 324, p. 2, iktar 'il quddiem il-"linji gwida EST").

- 8 Il-paragrafu 12 tal-linji gwida EST jippreċiża li dawn “jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat intiża sabiex jiġu koperti l-ispejjeż sostnuti minħabba t-testijiet għall-[iscreening tal-]EST, l-annimali li jinstabu mejta u l-iskart tal-biċċeriji, mogħtija lill-operaturi li jaħdmu fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta’ annimali u ta’ prodotti mill-annimali li jaqgħu taħt l-Anness I tat-Trattat” [traduzzjoni mhux uffiċjali].
- 9 Għal dak li jirrigwarda b’mod iktar partikolari t-testijiet għall-iscreening tal-EST, il-paragrafi 23 sa 25 tal-linji gwida EST jistabbilixxu dan li ġej:
- “23. Sabiex tiġi promossa l-adozzjoni ta’ miżuri intiżi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali u tal-bnedmin, il-Kummissjoni ddeċidiet li ser tkompli tawtorizza l-għajnuna mill-Istat li tkopri 100 % tal-ispejjeż marbuta mat-testijiet għall-[iscreening tal-]EST, skont il-prinċipji esposti fil-punt 11.4 tal-linji gwida agrikoli.
24. [...] mill-1 ta’ Jannar 2003, għal dak li jirrigwarda l-eżami ESB obligatorju ta’ annimali tal-ifrat maqtula għall-konsum mill-bniedem, l-għajnuna pubblika diretta u indiretta, inklużi l-ħlasijiet tal-Komunità, ma tistax teċċedi total ta’ EUR 40 għal kull test. L-obbligu ta’ eżami jista’ jkun bbażat fuq il-leġiżlazzjoni Komunitarja jew nazzjonali. Dan l-ammont jirreferi għall-ispiża totali tat-testijiet, inkluż it-tagħmir għat-testijiet, it-teħid ta’ kampjuni, it-trasport, l-eżami, il-ħażna u d-distruzzjoni tal-kampjuni. Dan l-ammont ikun jista’ jitnaqqas fil-futur, ladarba l-ispejjeż marbuta mat-testijiet jonqsu.
25. L-għajnuna mill-Istat intiża li tkopri l-ispejjeż sostnuti minħabba t-testijiet għall-[iscreening tal-]EST għandha titħallas lill-operatur minn fejn il-kampjuni għall-finijiet tat-test għandhom jittieħdu. Madankollu, sabiex tiġi ffaċilitata l-amministrazzjoni ta’ din l-għajnuna, il-ħlas jista’ jsir lill-laboratorju, bil-kundizzjoni li jkun jista’ jintwera li l-ammont sħiħ tal-għajnuna jkun ġie mħallas lill-operatur. F’kull każ, għajnuna mill-Istat riċevuta direttament jew indirettament minn operatur minn fejn il-kampjuni għall-finijiet tat-test għandhom jittieħdu għandha tiġi riflessa fi tnaqqis ekwivalenti tal-prezzijiet mitluba minnu” [traduzzjoni mhux uffiċjali].
- 10 Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-għajnuna mill-Istat intiża li tkopri l-ispejjeż sostnuti minħabba t-testijiet għall-iscreening tal-EST u tal-ESB, li tkun ingħatat illegalment qabel l-1 ta’ Jannar 2003, il-paragrafu 45 tal-linji gwida EST jistabbilixxi li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-kompatibbiltà tagħha skont il-punt 11.4 tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam agrikolu (ĠU 2000 C 28, p. 2, iktar ’il quddiem il-“linji gwida agrikoli 2000-2006”) u skont il-prattika tagħha mill-2001 li taċċetta tali għajnuna, li tista’ tkopri 100 % tal-ispejjeż.

## **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

### *Il-proċedura quddiem il-Kummissjoni*

- 11 F’Jannar u fi Frar tal-2004, il-Kummissjoni rċeviet ilmenti fir-rigward ta’ abbozz ta’ digriet irjali intiż li jintroduċi, fil-Belġju, taxxa parafiskali intiża li tiffinanzja t-testijiet għall-iscreening tal-ESB.
- 12 Permezz ta’ ittra tas-27 ta’ Jannar 2004, il-Kummissjoni talbet lir-Renju tal-Belġju sabiex jagħtiha informazzjoni f’dan ir-rigward.
- 13 Ir-Renju tal-Belġju wieġeb għal din it-talba għal informazzjoni permezz ta’ ittra tas-6 ta’ Frar 2004. Huwa indika b’mod partikolari lill-Kummissjoni li, mill-1 ta’ Jannar 2001, it-testijiet għall-iscreening tal-ESB kienu obligatorji, fil-Belġju, għall-annimali tal-ifrat ta’ iktar minn 30 xahar u għall-annimali tal-ifrat ta’ iktar minn 24 xahar li jkunu nqatlu b’urġenza abbażi tar-Regolament Nru 999/2001. Barra minn hekk, huwa ppreċiża li, mill-1 ta’ Jannar sal-31 ta’ Diċembru 2001, l-ispiża tat-testijiet obligatorji

għall-iscreening tal-ESB kienet ġiet iffinanzjata mit-Teżor pubbliku u, mill-1 ta' Jannar 2002, mill-Bureau d'Intervention et de Restitution belge (uffiċċju Belġjan għal miżuri ta' intervent u għal ħlas lura, iktar 'il quddiem il-“BIRB”).

- 14 Fl-istess ħin, permezz ta' ittra tat-23 ta' Jannar 2004, irreġistrata fit-28 tal-istess xahar, ir-Renju tal-Belġju nnotifika abbozz ta' digriet irjali dwar il-finanzjament tal-iscreening tal-EST fl-annimali. Din il-miżura ġiet irreġistrata bin-numru N 54/04.
- 15 Billi l-abbozz ta' digriet irjali inkwistjoni kien jindika li kienet diġà ngħatat għajnuna u li kienu nġabru taxxi mill-1 ta' Jannar 2002, il-miżura ġiet irreġistrata bħala mhux innotifikata fid-19 ta' Lulju 2004 bin-numru NN 45/04.
- 16 Permezz ta' ittra tas-26 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju tal-Belġju bid-deċizzjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward tal-finanzjament tat-testijiet għall-iscreening tal-EST imwettqa fil-Belġju mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2005, u stiednet lil terzi interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Id-deċizzjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-16 ta' Jannar 2009 (ĠU C 11, p. 8).
- 17 It-terzi interessati ma pprezentawx osservazzjonijiet.
- 18 Ir-Renju tal-Belġju baġtet l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tal-25 ta' Frar 2009.

#### *Id-deċizzjoni kkontestata*

- 19 Fis-27 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/678/UE dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-iskrining [screening] għall-enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli (TSE) [(EST)] fil-bovini implimentata mill-Belġju [Għajnuna mill-Istat C 44/08 (ex NN 45/04)], (ĠU L 274, p. 36, iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).
- 20 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni eżaminat is-sistema Belġjana ta' finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB sabiex tivverifika jekk din kinitx tissodisfa l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi sabiex għajnuna mill-Istat tkun teżisti, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.
- 21 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonstatat li, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2001, it-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB kienu ġew iffinanzjati kompletament mit-Teżor pubbliku u, mill-1 ta' Jannar 2002 sat-30 ta' Ġunju 2004, mill-BIRB, jiġifieri stabbiliment pubbliku federali bi personalità ġuridika, taħt is-superviżjoni tal-ministre de l'Agriculture et des Classes moyennes belge (Ministru Belġjan tal-Agrikoltura u tal-Klassijiet Medji) u li jiddisponi minn fondi governattivi inklużi fil-baġit għas-setgħa tiegħu ta' sorveljanza fuq livell federali, kif ukoll minn ċertu dħul proprju. Barra minn hekk, mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Novembru 2004, it-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB kienu ġew iffinanzjati mill-Agence fédérale pour la sécurité de la chaîne alimentaire (Aġenzija federali għas-sigurtà tal-katina alimentari, iktar 'il quddiem l-“AFSCA”), jiġifieri minn stabbiliment pubbliku b'personalità ġuridika li, skont il-liġi tal-4 ta' Frar 2000 dwar il-ħolqien tal-AFSCA, kien iffinanzjat minn dħul varju bħal ħlasijiet remunerattivi (jiġifieri tariffi), kontributi (jiġifieri taxxi parafiskali), dħul minn multi amministrattivi, donazzjonijiet u legati oħra, eċċ. Fl-aħħar nett, għall-perijodu bejn l-1 ta' Diċembru 2004 u l-31 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni kkonstatat li t-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB kienu ġew iffinanzjati, minn naħa, permezz ta' tariffa ta' EUR 10.70 għal kull annimal tal-ifrat ittestjat imħallsa mill-biċċeriji u ffatturata lill-klijenti ta' dawn tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, permezz ta' finanzjament tal-AFSCA mir-riżervi tagħha u mill-antiċipu rimborsabbli li tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha mit-Teżor pubbliku.

- 22 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet, minn naħa, li mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2005 it-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB kienu ġew iffinanzjati permezz tar-riżorsi tal-Istat u, min-naħa l-oħra, li l-parti tal-ammont ta' dawn it-testijiet iffinanzjata, mill-1 ta' Diċembru 2004, permezz tat-tariffa ta' EUR 10.70 għal kull animal tal-ifrat ittestjat ma kinitx ġiet iffinanzjata permezz tar-riżorsi tal-Istat.
- 23 It-tieni nett, il-Kummissjoni vverifikat jekk is-sistema Belġjana ta' finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB kinitx tat vantaġġ ekonomiku selettiv lil ċerti impriżi jew lil ċerti prodotti.
- 24 Għal dak li jirrigwarda, qabelxejn, il-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB permezz tar-riżorsi tal-Istat, inklużi l-kontributi, il-Kummissjoni qieset li l-ispiża tal-kontrolli obbligatorji li kienu jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti kienet spiża li normalment kienet ta' piż għall-baġit ta' impriża. Għaldaqstant, fl-opinjoni tagħha, l-iffinanzjar tal-ispiża tal-imsemmija testijiet mir-Renju tal-Belġju mill-1 ta' Jannar 2001 kien ta vantaġġ lil minn irabbi l-annimali, lill-biċċeriji u lill-impriżi l-oħra li kienu jipproċessaw, jimmaniġġjaw, ibiġħu jew jikkummerċjalizzaw prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-ifrat suġġetti għal dawn it-testijiet. F'dan ir-rigward, hija osservat li l-prezz ta' dawn l-istess testijiet kien jitħallas direttament lil-laboratorji, li kellhom l-obbligu li jwettqu t-testijiet inkwistjoni fuq talba tal-biċċeriji, u li kienu jiffatturaw l-ispiża tagħhom lill-AFSCA.
- 25 Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-kundizzjoni dwar is-selettività kienet issodisfatta, peress li l-vantaġġ deskritt preċedentement kien irriżervat unikament għas-settur "tat-trobbija tal-annimali sottomessi għat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE [ESB]".
- 26 Għal dak li jirrigwarda, sussegwentement, il-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB permezz ta' ħlasijiet remunerattivi, jiġifieri permezz ta' tariffi mħallsa minn operaturi fis-settur, il-Kummissjoni osservat li dan ma kienx ta vantaġġ lill-operaturi fis-settur tal-annimali tal-ifrat, għaliex it-tariffi kienu tħallsu mill-benefiċjarji tas-servizzi pprovduti mill-AFSCA bħala remunerazzjoni għal dawn is-servizzi.
- 27 It-tielet nett, il-Kummissjoni kkonstatat li l-miżura inkwistjoni kienet twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni u kienet affettwat il-kummerċ bejn Stati Membri.
- 28 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB permezz ta' riżorsi tal-Istat kien jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.
- 29 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni osservat li l-għajjnuna inkwistjoni kienet illegali għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 u t-30 ta' Ġunju 2004, għaliex l-imsemmija għajjnuna kienet ingħatat bi ksor tal-Artikolu 108(3) TFUE.
- 30 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni osservat li, mill-1 ta' Jannar 2003, l-għajjnuna inkwistjoni kienet koperta mill-eżenzjoni tal-obbligu ta' notifika prevista mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1/2004, tat-23 ta' Diċembru 2003, dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 TFUE] u [108 TFUE] dwar l-għajjnuna tal-Istat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-marketing ta' prodotti tal-agrikoltura (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 24). Madankollu, hija kkonstatat li l-kundizzjonijiet imposti mir-regolament iċċitat iktar 'il fuq ma kinux ġew osservati f'dan il-każ u, għalhekk, li l-imsemmija għajjnuna kienet illegali.
- 31 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni vverifikat jekk kinitx teżisti rabta ta' allokkazzjoni vinkolanti bejn id-dħul mill-kontributi li għandhom jiġu ffinanzjati mill-AFSCA, miġbura mill-1 ta' Lulju 2004, u l-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB. Billi ma kkonstatatx l-eżistenza ta' tali rabta, hija kkonkludiet li l-kontributi ma kinux jikkostitwixxu parti integrali mill-għajjnuna inkwistjoni.



- 32 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni evalwat il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq intern. Hija vverifikat ukoll jekk il-kundizzjonijiet imposti mil-linji gwida EST ġewx osservati f'dan il-każ.
- 33 Għal dak li jirrigwardaw, minn naħa, il-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB mogħti illegalment qabel l-1 ta' Jannar 2003, jiġifieri qabel id-dħul fis-seħħ tal-linji gwida EST, il-Kummissjoni kkonstatat li l-kundizzjonijiet imposti mill-punt 11.4 tal-linji gwida agrikoli 2000-2006, li jirreferi għalihom il-paragrafu 45 tal-linji gwida EST, kienu ssodisfatti. Hija kkonkludiet għalhekk li l-għajnuna mogħtija matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2002 kienu kompatibbli mas-suq intern.
- 34 Għal dak li jirrigwarda, min-naħa l-oħra, il-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB mogħti bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni qieset li biss il-kundizzjoni imposta mill-paragrafu 24 tal-linji gwida EST, jiġifieri li l-għajnuna nazzjonali u Komunitarja ma teċċedix il-limitu massimu ta' EUR 40 għal kull test, ma kinitx ġiet osservata matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2003 u t-30 ta' Ġunju 2004. F'dan ir-rigward, hija osservat li l-ammont totali ta' dan l-eċċess kien jammonta għal EUR 6 619 810.74.
- 35 Fil-ħames u fl-aħħar lok, il-Kummissjoni kkonstatat li s-sistema ta' rkupru tal-għajnuna li teċċedi l-ammont ta' EUR 40 għal kull test, propost mir-Renju tal-Belġju, ma kienx konformi mar-regoli fil-qasam tal-irkupru ta' għajnuna illegali u inkompatibbli.
- 36 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li, matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2003 u t-30 ta' Ġunju 2004, ir-Renju tal-Belġju kien implementa l-għajnuna għall-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.
- 37 Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-għajnuna kienet inkompatibbli mas-suq intern, bl-eċċezzjoni tal-ammonti li jeċċedu l-limitu massimu ta' EUR 40 għal kull test mogħtija matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2003 u t-30 ta' Ġunju 2004.
- 38 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-għajnuna illegali u inkompatibbli, bl-eċċezzjoni tal-għajnuna mogħtija lil proġetti speċifiċi li, meta ngħatat l-għajnuna, kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament *de minimis* applikabbli.
- 39 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata jaqra kif ġej:

*“Artikolu 1*

1. Il-miżuri ffinanzjati permezz tar-retribuzzjonijiet [ħlasijiet remunerattivi] mhumiex għajnuna.

2. Il-finanzjament tat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE [ESB] permezz tar-riżorsi tal-Istat jikkostitwixxi għajnuna kumpatibbli mas-suq intern li tingħata lill-bdiewa, lill-biċċeriji u lil entitajiet oħrajn li jipproċessaw, jimmaniġġjaw, ibiegħu jew jikkumerċjalizzaw prodotti li jkunu ġejjin mill-bovini [animali tal-ifrat] u sottomessi għal test obligatorju għall-BSE għall-perjodu li jkopri bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2002 u għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2005.

3. Il-finanzjament tat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE permezz tar-riżorsi tal-Istat għall-perjodu li jkopri bejn l-1 ta' Jannar 2003 u t-30 ta' Ġunju 2004 huwa għajnuna kumpatibbli mas-suq intern li tingħata lill-bdiewa, lill-biċċeriji u lil entitajiet oħrajn li jipproċessaw, jimmaniġġjaw, ibiegħu jew jikkumerċjalizzaw prodotti li jkunu ġejjin mill-bovini u sottomessi għal test obligatorju għall-BSE għall-ammonti taħt EUR 40 għal kull test. L-ammonti li jaqbżu EUR 40 għal kull test mhumiex kumpatibbli mas-suq intern u għandhom jiġu rkuprati, minbarra l-għajnuna mogħtija lil proġetti speċifiċi li, meta ngħatat l-għajnuna, kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fir-Regolament *de minimis* applikabbli.

4. Il-Belġju implimenta b'mod illegali għajnuna għall-finanzjament tat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE matul il-perjodu li jkopri bejn l-1 ta' Jannar 2001 u t-30 ta' Ġunju 2004.

#### *Artikolu 2*

1. Il-Belġju għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna illegali u mhux kumpatibbli msemmija fl-Artikolu 1(3) u (4), mingħand il-benefiċjarji.

[...]

#### *Artikolu 3*

L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(2) u (3), għandu jkun immedjat u effettiv.

Il-Belġju għandu jiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

#### *Artikolu 4*

1. Fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Belġju għandu jippreżenta din l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) il-lista tal-benefiċjarji li rċewew għajnuna msemmija fl-Artikolu 1(3) u (4), u l-ammont totali tal-għajnuna li rċieva kull wieħed minnhom;

(b) l-ammont totali (kapital u imgħax tal-irkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand il-benefiċjarji;

[...]

#### *Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.”

### **Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

40 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Ottubru 2011, ir-Renju tal-Belġju ppreżenta dan ir-rikors.

41 Ir-Renju tal-Belġju jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-dispożittiv tagħha;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

42 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat;

— sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

- 43 Fuq rapport tal-Imhalled Relatur, il-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, stiednet lill-partijiet sabiex iwieġbu bil-miktub għal xi mistoqsijiet. Il-partijiet ikkonformaw ruħhom ma' dawn il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura fit-termini imposti.
- 44 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2014.

## **Id-dritt**

### *Fuq l-ammissibbiltà*

- 45 Mingħajr ma tqajjem formalment l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti Ġenerali tiddikjara dan ir-rikors inammissibbli sa fejn huwa indirizzat kontra l-Artikolu 1(2) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(3) tad-deċiżjoni kkontestata, li jikklassifikaw il-miżura inkwistjoni bħala għajnuna kompatibbli mas-suq intern. F'dan ir-rigward, hija ssostni, essenzjalment, li din il-parti tad-dispożittiv ma hijiex att li jista' jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE, għaliex hija ma tipproduċix effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-Renju tal-Belġju.
- 46 Fir-replika, ir-Renju tal-Belġju talab sabiex ir-rikors jiġi ddikjarat ammissibbli, b'mod partikolari sa fejn huwa kien indirizzat kontra l-Artikolu 1(2) u (3) tad-deċiżjoni kkontestata.
- 47 Minn ġurisprudenza stabbilita żviluppata fil-kuntest ta' rikorsi għal annullament ippreżentati minn Stati Membri jew minn istituzzjonijiet jirriżulta li kull dispożizzjoni adottata mill-istituzzjonijiet, irrispettivament mill-forma, intiża sabiex tipproduċi effetti legali vinkolanti titqies li hija att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE (sentenzi tal-31 ta' Marzu 1971, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, 22/70, Ġabra, EU:C:1971:32, punt 42; tat-2 ta' Marzu 1994, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-316/91, Ġabra, EU:C:1994:76, punt 8, u tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, Ġabra, EU:C:2011:656, punt 36). Barra minn hekk mill-ġurisprudenza jirriżulta li Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal annullament ta' att li jipproduċi effetti legali vinkolanti mingħajr il-bżonn li dan juri interess ġuridiku (sentenzi Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, EU:C:2011:656, punt 36, u tal-20 ta' Settembru 2012, France vs Il-Kummissjoni, T-154/10, Ġabra, EU:T:2012:452, punt 37).
- 48 Barra minn hekk, sabiex jiġi evalwat jekk id-deċiżjoni kkontestata tistax tiġi kkontestata, għandu jiġi eżaminat jekk din tikkostitwixxix att intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, EU:C:2011:656, punt 40), liema fatt għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-kontenut tagħha (sentenza France vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, EU:T:2012:452, punt 37).
- 49 F'dan il-każ, l-Artikolu 1(2) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(3) tad-deċiżjoni kkontestata, li jikklassifikaw il-miżura inkwistjoni bħala għajnuna kompatibbli mas-suq intern, huma neċessarjament intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti u jikkostitwixxu, għalhekk, att li jista' jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi il-Baxxi, C-279/08 P, Ġabra, EU:C:2011:551, punti 35 sa 42).
- 50 Il-ġurisprudenza ċċitata mill-Kummissjoni ma tistax tinvalida l-konklużjoni preċedenti.
- 51 Għal dak li jirrigwarda, qabelxejn, il-kawża li tat lok għad-digriet tat-28 ta' Jannar 2004, Il-Pajjiżi il-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-164/02, Ġabra, EU:C:2004:54), biżżejjed jiġi kkonstatat li r-raġuni li wasslet għal dikjarazzjoni ta' inammissibbiltà tar-rikors tar-Renju tal-Pajjiżi il-Baxxi, ippreżentat kontra



deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna mas-suq intern, kienet ikkostitwita mill-fatt li dan l-Istat Membru kien talab l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni "sa fejn il-Kummissjoni [kienet] ikkonkludiet li l-kontributi allokat lill-awtoritajiet portwali [...] [kienu] jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE", filwaqt li din il-konklużjoni ma tinsabx fid-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni.

- 52 Sussegwentement, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qisitx fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq (EU:C:2011:551), li l-oppożizzjoni espliċita ta' Stat Membru għall-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat ta' miżura, b'mod partikolari fil-mument tan-notifika, hija element "determinanti" għall-finijiet tal-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat minn dan l-Istat Membru kontra deċiżjoni li tiddikjara l-imsemmija miżura kompatibbli mas-suq intern.
- 53 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq (EU:C:2011:551), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 107(1) u (3) TFUE, li, filwaqt li tikklassifika l-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat, tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni, kellha titqies bħala att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, għar-raġuni li l-klassifikazzjoni żbaljata ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat kellha konsegwenzi ġuridiċi għall-Istat Membru li jinnotifika inkwantu din il-miżura kienet suġġetta għal sorveljanza kostanti mill-Kummissjoni u għal kontroll perjodiku min-naħa tagħha, b'tali mod li dan l-Istat Membru kellu marġni ta' manuvra ristretta fl-implementazzjoni tal-miżura nnotifikata (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punti 41 u 42).
- 54 Fl-aħħar nett, iċ-ċirkustanza, invokata mill-Kummissjoni, li tgħid li, qabel il-proċedura amministrattiva, ir-Renju tal-Belġju kien ammetta, għall-inqas b'mod impliċitu, li l-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, anki jekk jiġi preżunt li dan huwa minnu, ma jistax ikollha effett fuq l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest tal-kontroreplika l-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li, mil-lat strettament legali, il-fatt li ammetta preċedentement li l-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi għajnuna ma jċaħħadx ir-Renju tal-Belġju mid-dritt li jikkontesta dan il-fatt.
- 55 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, dan ir-rikors għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

#### *Fuq il-mertu*

- 56 Ir-Renju tal-Belġju jqajjem motiv uniku insostenn tar-rikors, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat il-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB.
- 57 B'mod iktar partikolari, ir-Renju tal-Belġju jqis li waħda mill-kundizzjonijiet li jippermettu li tiġi affermata l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat hija ma hijiex preżenti f'dan il-każ, jiġifieri l-kundizzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv mogħti mill-miżura inkwistjoni.
- 58 Il-motiv uniku jinqasam f'ħames partijiet ibbażati, rispettivament, l-ewwel nett, fuq l-assenza ta' taffija ta' spiża li normalment hija ta' piż għall-baġit ta' impriża, it-tieni nett, fuq l-assenza ta' armonizzazzjoni tal-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB, it-tielet nett, fuq l-assenza ta' kumpens eċċessiv li jirriżulta mill-miżura inkwistjoni, ir-raba' nett, fuq l-assenza ta' natura selettiva tal-miżura inkwistjoni u, il-ħames nett, fuq l-irrelevanza tas-sistemi ta' finanzjament tal-imsemmija testijiet fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività.
- 59 Il-Qorti Ġenerali tqis li għandha tiġi eżaminata qabelxejn it-tieni parti tal-motiv invokat qabel ma tiġi eżaminata l-ewwel, ir-raba', il-ħames u t-tielet parti tiegħu.

Fuq it-tieni parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-assenza ta' armonizzazzjoni tal-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB

- 60 Ir-Renju tal-Belġju jsostni, essenzjalment, li, fl-assenza ta' armonizzazzjoni tal-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB fl-Unjoni Ewropea, huwa kien liberu li jiffinanzja huwa stess l-ispiża tal-imsemmija testijiet mingħajr ma dan jiġi eżaminat fid-dawl tal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.
- 61 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tiġi miċħuda.
- 62 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Artikolu 107(1) TFUE huwa intiż li jipprevjeni li l-kummerċ bejn Stati Membri jiġi affettwat minn vantaġġi permessi mill-awtoritajiet pubbliċi li, f'diversi forom, joħlqu jew jheddu li joħlqu distorsjoni fil-kompetizzjoni billi jiffavorixxu ċerti impriżi jew ċerti produtturi (sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni, 173/73, Ġabra, EU:C:1974:71, punt 26, u tal-15 ta' Ġunju 2006, Air Liquide Industries Belgium, C-393/04 u C-41/05, Ġabra, EU:C:2006:403, punt 27).
- 63 Sabiex jiżgura l-effikaċja tal-projbizzjoni ta' għajnuna mill-Istat li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri, sa fejn din twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni, l-Artikolu 108 TFUE jimponi, fuq il-Kummissjoni, obbligu speċifiku ta' kontroll u, fuq l-Istati Membri, obbligi preċiżi sabiex jiġi ffaċilitat il-kompitu tal-Kummissjoni u sabiex jiġi evitat li din tiġi ffaċċata b'fait accompli (sentenza tat-8 ta' Novembru 2001, Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke, C-143/99, Ġabra, EU:C:2001:598, punt 23).
- 64 Għal dak li jirrigwarda l-proġetti sabiex tingħata jew sabiex tiġi mmodifikata għajnuna, l-Artikolu 108(3) TFUE jitlob li l-Kummissjoni tiġi informata dwar dan fil-ħin sabiex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha. Dan il-paragrafu jobbliga, sussegwentement, lill-Kummissjoni tibda mingħajr dewmien il-proċedura kontradittorja prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, jekk hija tqis il-proġett innotifikat ma jkunx kompatibbli mas-suq intern. Fl-aħħar nett, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE tipprojbixxi, fi kliem ċar, lill-Istat Membru milli jdaħħal fis-seħħ il-proġetti proposti, qabel ma din il-proċedura jkollha deċiżjoni finali (sentenza Adria-Wien Pipeline u Wietersdorfer & Peggauer Zementwerke, punt 63 iktar 'il fuq, EU:C:2001:598, punt 24).
- 65 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-interventi tal-Istati Membri fl-oqsma li ma kinux is-suġġett ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll ta' għajnuna mill-Istat. Ammissjoni kuntrarja tirrendi, neċessarjament, ineffettivi d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE.
- 66 F'dan is-sens, pereżempju, l-interventi statali fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri, bħat-tassazzjoni diretta, jistgħu jiġu eżaminati fid-dawl tal-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, Ġabra, EU:C:2011:732; tad-29 ta' Marzu 2012, 3M Italia, C-417/10, Ġabra, EU:C:2012:184, punt 25, u d-digriet tad-29 ta' Marzu 2012, Safilo, C-529/10, EU:C:2012:188, punt 18).
- 67 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-Renju tal-Belġju kien għalhekk obligat jiżgura ruħu li, billi jiffinanzja kompletament l-ispiża tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB, huwa ma kienx qiegħed jikser l-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE, u dan irrISPETTIVAMENT mill-kwistjoni dwar jekk il-finanzjament tal-imsemmija testijiet kienx jew le s-suġġett ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea.
- 68 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-motiv uniku għandha tiġi miċħuda għal din ir-raġuni biss, mingħajr in-neċessità li jiġu eżaminati l-argumenti, superfluwi, invokati mir-Renju tal-Belġju, intiżi li jistabbilixxu l-assenza ta' armonizzazzjoni tal-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB.

Fuq l-ewwel parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-assenza ta' taffija ta' spiża li normalment hija ta' piż għall-baġit ta' impriża

- 69 Ir-Renju tal-Belġju jsostni, essenzjalment, li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li jeżisti vantaġġ ekonomiku mogħti mill-miżura inkwistjoni.
- 70 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tiġi miċħuda.
- 71 L-Artikolu 107(1) TFUE jiddefinixxi l-għajjnuna mill-Istat bħala għajjnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat taħt kwalunkwe forma, li twassal għal distorsjoni jew għal theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori, sa fejn tolgot il-kummerċ bejn Stati Membri. Il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, huwa iktar ġenerali minn dak ta' sussidju, peress li jinkludi mhux biss benefiċċji pożittivi, bħas-sussidji infushom, iżda wkoll interventi li, taħt forom diversi, itaffu l-ispejjeż li normalment huma ta' piż għall-baġit ta' impriża u li, b'hekk, mingħajr ma jkunu sussidji fis-sens strett tal-kelma, huma tal-istess natura u għandhom l-istess effetti. Il-provvista ta' beni jew ta' servizzi b'kundizzjonijiet preferenzjali hija eżempju tal-vantaġġi indiretti li għandhom l-istess effetti bħas-sussidji (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 72 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li l-interventi li, taħt kwalunkwe forma, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament lil impriżi jew li għandhom jitqiesu bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq jitqiesu bħala għajjnuna (ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 73 Ir-Renju tal-Belġju ma jikkontestax li, matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2005, it-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB ġew ifffinanzjati minn riżorsi pubbliċi. Għalhekk, għandu jiġi evalwat jekk, billi sostniet li dan il-finanzjament ħeles l-impriżi fis-settur tal-annimali tal-ifrat minn spiża li normalment hija ta' piż għall-baġit tagħhom, il-Kummissjoni vvizzjatx id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' liġi.
- 74 Qabelxejn, għandu jifakkar li l-Kummissjoni qieset, fil-premessa 90 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ispiża għall-kontrolli obbligatorji li kienu jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, bħat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB, kienet spiża li normalment kienet ta' piż għall-baġit tal-impriżi.
- 75 Fl-ewwel lok, ir-Renju tal-Belġju joġġezzjona li l-obbligu li jitwettqu testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB ma jirriżultax mill-kundizzjonijiet normali tas-suq, iżda minn intervent tal-awtoritajiet pubbliċi. F'dan ir-rigward, huwa jinvoka l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża GEMO (C-126/01, Ġabra, EU:C:2002:273), li fihom huwa jispjega li l-kelma "normalment" tfisser "f'kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fil-kundizzjonijiet ta' suq mingħajr interventi tal-Istat jew mingħajr lakuni" (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża, iċċitati iktar 'il fuq, EU:C:2002:273, punt 77). Għaldaqstant, f'dan il-każ, huwa jsostni li, mingħajr l-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi, l-imsemmija testijiet obbligatorji ma kinux jikkostitwixxu spiża li normalment hija ta' piż għall-baġit tal-operaturi fis-settur tal-annimali tal-ifrat.
- 76 Madankollu, il-kunċett ta' spejjeż li normalment huma ta' piż għall-baġit ta' impriża jinkludi, b'mod partikolari, l-ispejjeż supplimentari li l-impriżi għandhom ibatu minħabba obbligi legali, regolamentari jew kuntrattwali li japplikaw għal attività ekonomika (ara, b'analoġija, is-sentenzi L-Italja vs Il-Kummissjoni, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:1974:71, punt 33; tal-5 ta' Ottubru 1999, Franza vs Il-Kummissjoni, C-251/97, Ġabra, EU:C:1999:480, punt 40, u tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser, C-172/03, Ġabra, EU:C:2005:130, punt 38).

- 77 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball meta qieset li l-ispiża tal-kontrolli li jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, obligatorji permezz ta' liġi jew regolament, bħat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB, kienet spiża li normalment kienet ta' piż għall-baġit ta' impriża.
- 78 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jiġi miċħud.
- 79 Fit-tieni lok, ir-Renju tal-Belġju jsostni, essenzjalment, li l-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB permezz ta' riżorsi tal-Istat ma jagħti ebda vantaġġ lill-operaturi fis-settur tal-annimali tal-ifrat, peress li l-obbligu li jitwettqu dawn it-testijiet għandu għan ta' interess ġenerali, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa pubblika.
- 80 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li l-Artikolu 107 TFUE ma jagħmilx distinzjoni skont ir-raġunijiet jew l-għanijiet tal-interventi inkwistjoni, iżda jiddefinixxihom skont l-effetti tagħhom (sentenzi L-Italja vs Il-Kummissjoni, punt 62 iktar 'il fuq, EU:C:1974:71, punt 27; tat-12 ta' Diċembru 2002, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-5/01, Ġabra, EU:C:2002:754, punt 45, u Il-Kummissjoni vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, punt 66 iktar 'il fuq, EU:C:2011:732, punt 87).
- 81 Għaldaqstant, l-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika mfittex mill-miżura inkwistjoni, jekk jiġi preżunt korrett, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża l-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat stabbilita mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.
- 82 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jiġi miċħud.
- 83 Fit-tielet lok, ir-Renju tal-Belġju jsostni li għandha ssir distinzjoni bejn din il-kawża u dik li tat lok għas-sentenza tal-20 ta' Novembru 2003, GEMO (C-126/01, Ġabra, EU:C:2003:622), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iffinanzjar tal-ispejjeż għall-ġbir u għar-rimi tal-karkassi ta' bhejjem u tal-iskart ta' biċċeriji mir-Repubblika Franċiża kien jagħti vantaġġ lil min irabbi l-annimali u lill-biċċeriji, peress li dawn l-ispejjeż kienu jikkostitwixxu piż inerenti fl-attività ekonomika tagħhom.
- 84 L-ewwel nett, ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-prinċipju ta' "min iniggeż iħallas", applikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza GEMO, punt 83 iktar 'il fuq (EU:C:2003:622), ma huwiex applikabbli f'din il-kawża. F'dan ir-rigward, huwa jsostni li l-karkassi ta' bhejjem u l-iskart ta' biċċeriji huma avvenimenti esterni inerenti fl-attività ta' min irabbi l-annimali u ta' biċċeriji, għad-differenza tal-ESB li hija marda li ma tirriżultax direttament mill-attività ta' min irabbi l-annimali u ta' biċċeriji u li għalhekk ma għandha l-ebda rabta ċara u diretta ma' produttur speċifiku jew ma' impriża partikolari. Fl-opinjoni tiegħu, dan l-argument huwa kkonfermat mil-linji gwida EST, li l-partijiet IV u V tagħhom, li jirrigwardaw, rispettivament, l-annimali li jinsabu mejta u l-iskart ta' biċċeriji, jirreferu espressament għall-prinċipju ta' "min iniggeż iħallas", filwaqt li din ir-referenza ma tidhirx fil-parti III tal-imsemmija linji gwida li tirrigwarda t-testijiet għall-iscreening tal-EST.
- 85 Madankollu, il-kunċett ta' spejjeż li normalment huma ta' piż għall-baġit ta' impriża ma huwiex limitat għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "min iniggeż iħallas". Għalhekk, il-fatt li l-imsemmi prinċipju ma huwiex applikabbli f'din il-kawża, anki jekk jiġi preżunt li dan huwa minnu, ma jistax jinvalida l-konklużjoni li tinsab fil-punt 76 iktar 'il fuq.
- 86 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jiġi miċħud.
- 87 It-tieni nett, ir-Renju tal-Belġju jsostni, billi jibbaża ruħu fuq is-sentenzi tal-5 ta' Frar 1976, *Conceria Bresciani* (87/75, Ġabra, EU:C:1976:18) u tal-15 ta' Diċembru 1993, *Ligur Carni et* (C-277/91, C-318/91 u C-319/91, Ġabra, EU:C:1993:927), li sistema ta' kontrolli obligatorji intiża, bħal f'dan il-każ, li tiproteġi s-saħħa pubblika ma hijiex servizz ipprovdut lill-impriżi li għalih huma għandhom normalment iħallsu.



- 88 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fis-sentenzi ċċitati fil-punt 87 iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tariffi suġġetti għall-istħarriġ tagħha, dovuti minħabba kontrolli sanitarji mwettqa fl-interess ġenerali fuq prodotti importati li kienu diġà suġġetti għal kontrolli analogi fil-pajjiż ta' orijini, ma setgħux jitqiesu li tħallsu inkambju għal servizz u li kienet l-awtorità pubblika li kellha tbat i-l-ispiża tal-imsemmija kontrolli.
- 89 Madankollu, għandu jiġi osservat li, fis-sentenzi ċċitati fil-punt 87 iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi biss dwar il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-finanzjament ta' ċerti kontrolli sanitarji fid-dawl tar-regoli dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u, għaldaqstant, ma ddeċidietx dwar il-legalità tal-imsemmi finanzjament fid-dawl tal-Artikolu 107(1) TFUE.
- 90 Konsegwentement, il-ġurisprudenza invokata mir-Renju tal-Belġju ma hijiex rilevanti f'dan il-każ.
- 91 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jiġi miċħud.
- 92 Ir-raba' u l-aħħar nett, ir-Renju tal-Belġju jsostni, essenzjalment, li t-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB huma marbuta mal-eżerċizzju tal-prerogattivi tiegħu ta' awtorità pubblika u, għaldaqstant, ma għandhomx natura ekonomika li tiġġustifika l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tat-Trattat FUE. Konsegwentement, huwa jqis li seta' jbat huwa stess l-ispiża kollha tal-imsemmija testijiet, mingħajr ma din il-miżura tkun tikkostitwixxi għajna mill-Istat.
- 93 Fit-tweġiba tiegħu għal mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, ir-Renju tal-Belġju kkjarifika l-argument imsemmi fil-punt 92 iktar 'il fuq, billi indika li l-organizzazzjoni tat-testijiet għall-iscreening tal-ESB, inkluża l-organizzazzjoni tal-finanzjament tagħhom, taqa' taħt il-prerogattivi ta' awtorità pubblika.
- 94 F'dan ir-rigward, biżżejjed jiġi kkonstatat, hekk kif tosserva għustament il-Kummissjoni u mingħajr ma ġie kkontestat mir-Renju tal-Belġju, li l-operaturi fis-settur tal-annimali tal-ifrat huma obbligati biss, skont il-leġislazzjoni nazzjonali, li jwettqu t-testijiet għall-iscreening tal-ESB fuq l-annimali tal-ifrat li jkunu ser jinqatlu qabel ma jkunu jistgħu jikkummerċjalizzaw il-laħam, ix-xaħam u l-ġewwieni tagħhom, liema fatt ma jimplikax, min-naħa tagħhom, l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika.
- 95 Konsegwentement, l-argument imsemmi fil-punt 92 iktar 'il fuq ma jistax jinvalida l-konklużjoni li tgħid li l-ispiża tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB hija spiża li l-operaturi fis-settur tal-annimali tal-ifrat għandhom ibatu fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-attività ekonomika tagħhom (ara l-punti 69 sa 86 iktar 'il fuq).
- 96 Fl-aħħar nett u f'kull każ, għandu jiġi osservat li, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 76 iktar 'il fuq, il-fatt li l-leġislazzjoni nazzjonali tipprovdi li l-impriżi għandhom ibatu ċertu spejjeż, li għalhekk ikunu marbuta neċessarjament mal-eżerċizzju mill-Istat Membru kkonċernat tal-prerogattivi tiegħu ta' awtorità pubblika, ma jipprekludix li tali spejjeż jiġu kklassifikati bħala "spejjeż li normalment huma ta' piż għall-baġit ta' impriża".
- 97 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jiġi miċħud.
- 98 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, l-ewwel parti tal-motiv uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- Fuq ir-raba' parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-assenza ta' natura selettiva tal-miżura inkwistjoni
- 99 Ir-Renju tal-Belġju jsostni, essenzjalment, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset il-miżura inkwistjoni bħala selettiva.



- 100 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tiġi miċħuda.
- 101 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-klassifikazzjoni bħala għajnuna teħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 107(1) TFUE jiġu ssodisfatti (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punt 61). B'mod partikolari, hekk kif ġie osservat fil-punt 71 iktar 'il fuq, vantaġġ ekonomiku mogħti minn Stat Membru għandu n-natura ta' għajnuna biss jekk huwa ta' natura li jiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punt 61).
- 102 Għalhekk, sabiex jiġi pprovat li l-miżura inkwistjoni tapplika b'mod selettiv għal ċerti impriżi jew għal ċerti produttori, il-Kummissjoni għandha turi li din tintruduci distinzjonijiet bejn impriżi li jinsabu, fir-rigward tal-għan tal-miżura inkwistjoni, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punt 62).
- 103 Madankollu, għandu jiġi indikat ukoll li l-kunċett ta' għajnuna ma jkoprix miżuri li jintroduċu distinzjoni bejn l-impriżi fil-qasam tal-ispejjeż meta din id-distinzjoni tirriżulta min-natura u mill-istruttura tas-sistema ta' spejjeż inkwistjoni. Huwa l-Istat Membru li introduċa tali distinzjoni bejn l-impriżi fil-qasam tal-ispejjeż li għandu juri li din hija effettivament iġġustifikat min-natura u mill-istruttura tas-sistema inkwistjoni (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, punt 49 iktar 'il fuq, EU:C:2011:551, punt 62).
- 104 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni qieset ġustament, fil-premessa 90 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ispiża tal-kontrolli obligatorji li jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti kienet spiża li normalment kienet ta' piż għall-baġit ta' impriża (ara l-punt 77 iktar 'il fuq).
- 105 Għaldaqstant, permezz tal-miżura inkwistjoni, ir-Renju tal-Belġju taffa l-ispejjeż li normalment huma ta' piż għall-baġit ta' impriża.
- 106 Barra minn hekk, fil-premessa 92 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li, fil-Belġju, il-vantaġġ inkwistjoni kien irriżervat unikament għal settur speċifiku, jiġifieri “dak tat-trobbija tal-annimali sottomessi għat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE [ESB]”.
- 107 F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li, bi tweġiba għal mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni spjegat li “settur tat-trobbija tal-annimali sottomessi għat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE [ESB]” ifisser l-operaturi kollha fis-settur tal-annimali tal-ifrat li d-deċiżjoni kkontestata kienet identifikat bħala l-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni, jiġifieri min irabbi l-annimali, il-biċċeriji u l-entitajiet l-oħra li jipproċessaw, jimmaniġġjaw, ibiġhu jew jikkummerċjalizzaw prodotti li joriġinaw mill-annimali tal-ifrat u li huma suġġetti għal test obligatorju għall-iscreening tal-ESB.
- 108 Għalhekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 101 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset ġustament, fil-premessa 92 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-miżura inkwistjoni kienet selettiva.
- 109 Fl-ewwel lok, ir-Renju tal-Belġju joġġezzjona li l-Kummissjoni, li fuqha jaqa' l-oneru tal-prova tan-natura selettiva tal-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB, ma werietx li l-imsemmi finanzjament kien introduċa distinzjoni bejn impriżi li jinsabu, fir-rigward tal-għan tal-miżura inkwistjoni, f'sitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli.
- 110 Madankollu, il-Kummissjoni kkonstatat li l-operaturi fis-settur tal-annimal tal-ifrat kienu jibbenefikaw minn vantaġġ li ma kienx disponibbli għall-impriżi ta' setturi oħra, peress li huma kienu jibbenefikaw mill-fatt li l-kontrolli li huma kellhom iwettqu b'mod obligatorju qabel it-tqegħid fis-suq jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħhom kienu b'xejn, filwaqt li l-impriżi ta' setturi oħra ma kellhomx din il-possibbiltà, liema fatt ma huwiex ikkontestat mir-Renju tal-Belġju.

- 111 B'hekk, il-Kummissjoni setgħet tistabbilixxi validament li r-Renju tal-Belġju introduċa distinzjoni bejn impriżi fil-qasam tal-ispejjeż, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 101 iktar 'il fuq.
- 112 Għaldaqstant, l-argument tar-Renju tal-Belġju għandu jiġi miċħud.
- 113 Fit-tieni lok, ir-Renju tal-Belġju jsostni li n-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni tista' tiġi evalwata biss fir-rigward tal-impriżi li jipproduċu, jikkummerċjalizzaw jew jipproċessaw il-prodotti suġġetti għat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB, billi l-impriżi l-oħra ma humiex f'sitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli.
- 114 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li n-natura selettiva ta' miżura għandha tiġi evalwata fil-konfront tat-totalità tal-impriżi, u mhux fil-konfront tal-impriżi benefiċjarji tal-istess vantaġġ ġewwa l-istess grupp (sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2009, L-Italja vs Il-Kummissjoni, T-222/04, Ġabra, EU:T:2009:194, punt 66, u tat-13 ta' Settembru 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni, T-379/09, EU:T:2012:422, punt 47).
- 115 Barra minn hekk, għalkemm, permezz tal-argument tiegħu li jgħid li biss l-impriżi li jipproduċu, jikkummerċjalizzaw jew jipproċessaw il-prodotti suġġetti għat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragonabbli, ir-Renju tal-Belġju jsostni li dawn l-impriżi għandhom ibatu spiża speċifika li l-impriżi ta' setturi oħra ma għandhomx ibatu, jiġifieri l-ispiża tal-imsemmija testijiet, huwa ma jipprovax jikkontesta n-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni, iżda jipprova jiġġustifikaha.
- 116 Issa, f'każ bħal dan, tali argument għandu jiġi miċħud, billi dan huma manifestament insuffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li d-distinzjoni bejn impriżi, introdotta mill-miżura inkwistjoni, hija ġġustifikata min-natura u mill-istruttura tas-sistema ta' spejjeż inkwistjoni.
- 117 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball meta qieset li l-miżura inkwistjoni kienet selettiva fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.
- 118 Għaldaqstant, ir-raba' parti tal-motiv uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.
- Fuq il-ħames parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-irrelevanza tas-sistemi ta' finanzjament tal-imsemmija testijiet fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività
- 119 Ir-Renju tal-Belġju jsostni li, fil-premessi 91 u 92 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti vantaġġ selettiv wara li kkonstatat li l-miżura inkwistjoni setgħet twassal għal distorsjoni għall-kompetizzjoni fil-konfront tal-impriżi fl-Istati Membri fejn it-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB kienu ffinanzjati b'mod differenti milli fil-Belġju. Issa, il-kundizzjoni dwar is-selettività tista' tiġi evalwata biss fir-rigward tal-impriżi li huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li minnu toriġina l-miżura inkwistjoni.
- 120 Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni tammetti li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv, ma huwiex rilevanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi li jeżistu bejn l-Istati Membri għal dak li jirrigwarda l-portata tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB. F'dan il-kuntest, hija tippreċiża li s-sentenza tal-premessa 92 tad-deċiżjoni kkontestata, ikkontestata mir-Renju tal-Belġju, tirrigwarda l-evalwazzjoni tad-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni u mhux dik ta' vantaġġ selettiv.
- 121 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, qabelxejn, li l-premessa 92 tad-deċiżjoni kkontestata tinsab fil-punt 5.1.2 tad-deċiżjoni kkontestata, intitolat "Vantaġġ selettiv għal impriża", u mhux fil-punt 5.1.3 tal-imsemmija deċiżjoni, intitolat "Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ fl-UE".

122 Sussegwentement, mill-kliem ċar tal-premessa 92 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni eżaminat jekk il-kundizzjoni dwar is-selettività kinitx issodisfatta b'dan il-mod:

“F'dan il-każ, fil-livell nazzjonali, il-finanzjament tat-testijiet għall-[iscreening tal-]BSE [ESB] mill-Istat jibbenefika lil settur speċifiku, dak tat-trobbija tal-annimali sottomessi [għall-imsemmija testijiet]. Fil-livell Komunitarju, il-finanzjament [ta' dawn it-testijiet] favur impriżi Belġjani mill-Istat jew permezz ta' rizzorsi tal-Istat jagħti vantaġġ lil dawn l-impriżi fuq il-kompetituri barranin li l-finanzjament [tal-istess testijiet] obligatorji [...] ma jsirx mill-Istat jew permezz ta' rizzorsi tal-Istat.”

123 Għaldaqstant, huwa żbaljat li l-Kummissjoni ssostni li l-paragun bejn is-sitwazzjoni tal-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni u dik ta' impriżi ta' Stati Membri oħra li huma esklużi minnha, imwettaq fil-premessa 92 tad-deċiżjoni kkontestata, jirrigwarda l-evalwazzjoni tad-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni.

124 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni, stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE u relatata mal-effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri, tikkonsisti f'li jiġi eżaminat jekk l-impriżi jew il-produtturi ta' Stat Membru humiex vantaġġati meta mqabbla mal-impriżi jew mal-produtturi tal-Istati Membri l-oħra, filwaqt li l-kundizzjoni dwar is-selettività, stabbilita fl-istess paragrafu ta' dan l-artikolu, tista' tiġi evalwata biss fil-kuntest ta' Stat Membru wieħed u tirriżulta biss minn analiżi tad-differenza fit-trattament bejn l-impriżi jew il-produtturi ta' dan l-Istat Membru biss (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Novembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-73/03, EU:C:2004:711, punt 28).

125 F'dan il-każ, billi ma bbażatx ruħha unikament fuq differenza fit-trattament bejn l-impriżi li huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-istess Stat Membru, iżda bbażat ruħha wkoll fuq differenza fit-trattament bejn l-impriżi ta' Stat Membru u dawk ta' Stati Membri oħra (ara l-punti 121 u 122 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni wettqet żball fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-kundizzjoni dwar is-selettività.

126 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punti 104 sa 117 iktar 'il fuq, anki fl-assenza ta' din il-kunsiderazzjoni żbaljata, il-motivi l-oħra tad-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, l-ewwel sentenza tal-premessa 92 tagħha, jiġġustifikaw il-konklużjoni li tgħid li l-miżura inkwistjoni hija selettiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni ma jqiegħedx inkwistjoni l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

127 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, il-ħames parti tal-motiv uniku għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

Fuq it-tielet parti tal-motiv uniku, fuq l-assenza ta' kumpens eċċessiv

128 Ir-Renju tal-Belġju jsostni li l-finanzjament tat-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB permezz ta' rizzorsi tal-Istat qatt ma qabeż l-ispiża reali tal-imsemmija testijiet, biex b'hekk jeskludi kull kumpens eċċessiv favur il-benefiċjarji identifikati fid-deċiżjoni kkontestata.

129 Ir-Renju tal-Belġju jindika, barra minn hekk, li l-laboratorji li wettqu t-testijiet obligatorji għall-iscreening tal-ESB “rċevew” prezz konformi ma' dak tas-suq għas-servizzi tagħhom u ntgħażlu skont proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa u nondiskriminatorja.

130 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tiġi miċħuda.

131 Għandu jinfakkar li, skont l-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-rikors promotur għandu jinkludi sunt tal-motivi invokati. Din l-informazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali li tiddeċiedi fuq ir-rikors, skont il-każ, mingħajr ebda informazzjoni oħra ta' sostenn. Ir-rikors għandu, għalhekk, jispjega fiex jikkonsisti l-motiv li fuqu huwa bbażat ir-rikors, b'mod li s-sempliċi dikjarazzjoni astratta tiegħu ma tissodisfax

ir-reqwiziti tar-Regoli tal-Proċedura (sentenza tat-12 ta' Jannar 1995, Viho vs Il-Kummissjoni, T-102/92, Ġabra, EU:T:1995:3, punt 68). Rekwiżiti simili huma meħtieġa meta oġġezzjoni hija invokata insostenn ta' motiv (sentenza tal-14 ta' Mejju 1998, Mo och Domsjö vs Il-Kummissjoni, T-352/94, Ġabra, EU:T:1998:103, punt 333).

132 Barra minn hekk, sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali u l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, hemm bżonn, sabiex argument ikun ammissibbli, li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom dan tal-aħħar ikun ibbażat jirriżultaw, minn tal-inqas sommarjament, iżda b'mod koerenti u li jiftiehem, mit-test tar-rikors stess (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-20 ta' Ottubru 2000, RJB Mining vs Il-Kummissjoni, T-110/98, Ġabra, EU:T:2000:239, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tal-10 ta' April 2003, Travelex Global and Financial Services vs Il-Kummissjoni, T-195/00, Ġabra, EU:T:2003:111, punt 26).

133 F'dan il-każ, ir-Renju tal-Belġju ma ppreċiżax suffiċjentement fir-rikors l-ilment tiegħu bbażat fuq l-assenza ta' kumpens eċċessiv. Barra minn hekk, l-argumenti li huwa jressaq fl-imsemmi rikors insostenn ta' dan l-ilment ma jissodisfawx ir-reqwiziti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni imposti mill-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fatt, huwa ma ppreċiżax sa fejn l-allegata assenza ta' kumpens eċċessiv tippermetti li jitqies li l-miżura inkwistjoni ma tatx vantaġġ ekonomiku selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

134 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, it-tielet parti tal-motiv uniku għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

135 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

### **Fuq l-ispejjeż**

136 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titef għandha tbat i-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Renju tal-Belġju titef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Kanninen

Pelikánová

Buttigieg

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Marzu 2015.

Firem

## Werrej

Il-kuntest ġuridiku .....	1
Ir-Regolament Nru 999/2001 .....	1
Il-linji gwida EST .....	2
Il-fatti li wasslu għall-kawża .....	3
Il-proċedura quddiem il-Kummissjoni .....	3
Id-deċiżjoni kkontestata .....	4
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet.....	7
Id-dritt .....	8
Fuq l-ammissibbiltà .....	8
Fuq il-mertu .....	9
Fuq it-tieni parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-assenza ta' armonizzazzjoni tal-finanzjament tat-testijiet obbligatorji għall-iscreening tal-ESB .....	10
Fuq l-ewwel parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-assenza ta' taffija ta' spiża li normalment hija ta' piż għall-baġit ta' impriża .....	11
Fuq ir-raba' parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-assenza ta' natura selettiva tal-miżura inkwistjoni .	13
Fuq il-ħames parti tal-motiv uniku, ibbażata fuq l-irrelevanza tas-sistemi ta' finanzjament tal-imsemmija testijiet fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività .....	15
Fuq it-tielet parti tal-motiv uniku, fuq l-assenza ta' kumpens eċċessiv .....	16
Fuq l-ispejjeż .....	17